

# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

VOL. IV – SENA XV – NRU. 73

**MARZU-APRIL, 1994**


Il-fehmiet li jistqarru l kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telephone: 556187.

**Abbonament għal sena:**
Lokali: Lm1.50ċ
Sostenitur: Offerta Libera.

Barra minn Malta: Lm2.00ċ.
Sostenitur: Offerta Libera.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Sabiex f'kull familja jsseħħu l-għaqda u s-sliem tant meħtieġa fiż-żminijiet tal lum.


"Gozo Press". Tel. 551534.



* Il-Kelma tar-Rettur 353
* Is-Sultana tas-Smewwiet 354
* Il-Misteru ta' Kana 357
* Talbiet lill-Madonna min-Nies ta' llum 360
* L-Imqaddsa Verġni Marija 361
* The Rosary and the Way of the Cross 364
* Easter Mysteries – Jesus is Lord 365
* Il-Magnificat 366
* L-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla, Fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja 367
* Talbiet lill-Madonna min-Nies ta' llum 368
* Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba 369
* Il-Madonna ta' Pinu: Storja u Devozzjoni (2) 371
* Omm l-Iben ta' Alla 375
* Mill-Ħajja tas-Santwarju 377
* Grazzi Madonna Għax Smajtni 378


## STAMPA TAL-QOXRA:

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmni Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Din il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.

LILL-QARREJJA

**IL-KELMA TAR-RETTUR**

## 1994 – "Is-Sena tal-Familja"

*Din hija s-sena ddedikata għall-familja. Il-familja hija l-qalba tas-soċjetà. Kollox jiddependi mill-familja, id-dinja, int, jien, kulħadd. Mela, ftit ġranet ilu ltqajt ma' persuna mir-raħal, u bdejna nitkellmu fuq dan is-suġġett "Il-familja".*

*"Konna seba' aħwa", qalli dan il-ħabib. "Erba' bniet u tliet subien. Il-ġenituri tagħna kienu nies tar-ruħ, dejjem għallmuna sewwa, dejjem fittxew il-ġid tagħna – u dejjem ħarsuna fil-biża' t'Alla.*



*Veru li qatt ma ħabblu rashom li jibagħtuna l-iskola, għax ftit jew xejn kienu jafu biha dak iż-żmien. Iżda tgħallimna ħafna minnhom. Illum kbirna, kemm missieri kif ukoll ommi, it-tnejn mietu. Is-seba' aħwa li aħna, iżżewwiġna, ilkoll għandna t-tfal tagħna. Illum dak li nippruvaw nagħmlu, għalkemm ftit diffiċli, għaliex l-affarijiet inbidlu, huwa li ngħaddu lil uliedna dak li aħna rċivejna mingħand il-ġenituri tagħna".*

*Wara li sellimna lil xulxin, it-tnejn tlaqna lejn darna. Xħin sibt ruħi waħdi, bdejt naħseb fuq dak li kont smajt mingħand il-ħabib tiegħi, u mingħajr ma ridt, bdejt inqabbel il-valuri li kienet tħaddan il-familja ta' dari u l-valuri li tħaddan il-familja tal-lum. Innutajt li l-valuri fundamentali fil-familja moderna qegħdin jitbaxxew b'mod li jinkewtaw mhux biss lill-familja nfisha, iżda lis-soċjetà kollha. Innutajt li qed jinbtu fehmiet żbaljati fit-teorija u kemm fil-prattika, fehmiet imħawdin dwar l-awtorità tal-ġenituri fuq l-ulied. Innutajt li anke l-eżempju tal-ġenituri naqas ħafna.*

*Iżda rajt ukoll li, għalkemm saret bidla kbira fis-soċjetà moderna u iktar sirna materjali minn qatt qabel, madankollu għad hawn familji li għadhom iħaddnu prinċipji sodi, prinċipji li jġibu rispett li jżommu u jissapportjaw l-għaqda, prinċipji tassew insara.*

*Kull meta nitkellmu fuq il-familja, bla dubju ta' xejn tfeġġ quddiem għajnejna familja oħra: il-Familja ta' Nazaret. Familja li kellha għal qalbha l-għaqda, is-skiet, il-paċenzja, l-umiltà, l-imħabba. F'kelma waħda, din il-familja kienet tħaddan dak kollu li hu ta' ġid għal kull familja tal-lum.*

*Veru li l-ġenituri tal-ħabib tiegħi ma tant ħabblu rashom biex jibagħtu l-uliedhom fl-iskola tal-gvern, iżda kienu huma stess l-aqwa u l-ewwel għalliema ta' kif uliedhom għandhom: Iġibu rispett – iżommu l-għaqda – jindokraw u jrawmu familja skond il-qalb t'Alla.*

*Iva, din hija l-familja li hemm bżonn nikkupjaw illum, fis-sena tal-familja, is-sena 1994.*

*Dun Ġużepp Camilleri għar-Rettur.*

# Is-Sultana tas-Smewwiet

*(Meditazzjonijiet Marjani)*

1. Sultana tal-Paċi
2. Kenn tal-midinbin
3. Ankra tas-Salvazzjoni

Mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi



XXV. **Sultana tal-Paċi.**

(1) Kull bniedem, ftit jew wisq, għandu f'qalbu xewqa għall-paċi. Ta' sikwit ukoll nisimgħu min jitkellem dwar il-paċi; madankollu minn żmien għal żmien f'xi parti jew oħra tad-dinja tiskoppja l-gwerra, b'ħafna ġlied u tixrid ta' demm. Il-paċi ma tikkonsistix biss f'nuqqas ta' tilwim u ta' gwerer, iżda hija ħaġa pożittiva mibnija fuq il-verità, il-ġustizzja u l-karità, u tikkonsisti fir-relazzjonijiet ta' ħbiberija li jkun hemm fost il-bnedmin. Xi wħud l-anqas jafu sewwa x'inhi l-paċi u jfittxuha fil-ġid tad-dinja, fl-unuri u fit-tpaxxija tal-ġisem. Il-paċi hija trankwillità ta' l-ordni. Hemm tabilħaqq il-paċi, fejn l-ordni li ħalaq Alla fost il-bnedmin huwa rispettat u osservat. Skond dan l-ordni, il-bnedmin għandhom jirrispettaw lil Alla bħala Missier u Ħallieq tagħhom, u jħarsu lejn il-bnedmin l-oħra bħala ħuthom.

Ġesù wkoll tkellem dwar il-paċi u wegħedna l-paċi tiegħu. Iżda din il-paċi hija differenti minn dik li tfittex id-dinja. Il-paċi mwiegħda minn Kristu hija dik tal-bnedmin ġusti li jibżgħu minn Alla, iħobbuh u joqogħdu għar-rieda tiegħu.

(2) Il-Madonna ġiet imsejħa "Sultana tal-Paċi" mill-Papiet Beneditt XV li żied ukoll din l-invokazzjoni fil-Litanija, fis-sena 1915. Kien fi żmien li fih in-nazzjonijiet Ewropej kienu mitlufin fi gwerra mdemmija bejniethom iżda peress li dejjem hemm ħtieġa li nitolbu għall-paċi, dik l-invokazzjoni għadha tingħad sal-lum. Il-poeta nazzjonali tagħna lil Marija jgħidilha. "Int infrixt bħal qawsalla, fuq ras il-bnedmin".

Il-qawsalla hija sinjal tal-paċi, u din ixtixbiha toqgħod ħafna għal Marija, għaliex hija dik li ġġib il-paċi bejn Alla u l-bnedmin u twassal lil uliedha sabiex iħobbu lil xulxin bħal aħwa. Marija tatna 'l Kristu li, kif jgħidilna San Pawl, "**hu s-sliem tagħna**" (Ef. 2.14) "**bih aħna kellna r-rikonċiljazzjoni**" (Rom. 5, 11).

Il-Paċi ma tikkonsistix biss f'nuqqas ta' tilwim u ta' gwerer, iżda hija ħaġa pożittiva mibnija fuq il-verità, il-ġustizzja u l-karità, u tikkonsisti fir-relazzjonijiet ta' ħbiberija li jkun hemm fost il-bnedmin.

(3) Għandna ngħożżu dejjem il-paċi bħala don ta' Alla, il-paċi ta' kull għamla, jiġifieri l-paċi ma' Alla, il-paċi ma' ħutna l-bnedmin u l-paċi magħna nfusna u man-natura ta' madwarna. Għandna nitolbu l-paċi mingħand Alla bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, Sultana tal Paċi. Huwa dmir tagħna wkoll li naħdmu għall paċi għaliex l-Imgħallem Divin tagħna Ġesù Kristu, fid-diskors tal-muntanja, qalilna: **"Imberkin dawk li jġibu l-paċi għaliex jissejħu wlied Alla"** (Matt. 5, 9).

Nagħrblu l-kuxjenza tagħna, biex naraw jekk tajniex sehemna għall-paċi, jew għall-kuntrarju, konniex ħtija ta' ġlied u ta' tilwim. Niftakru wkoll fil-familji li huma neqsin mill-paċi, u nitolbu għalihom. Nitolbu wkoll għall-pajjiżi fejn ma hemmx paċi.

**Talba ta' l-aħħar:** *O Marija, Sultana tal-Paċi, żommna dejjem f'għaqda ta' ħbiberija ma' Ibnek Ġesù, u żomm sħaħ fostna r-rabtiet ta' rispett u ta' mħabba fir-relazzjonijiet tagħna ma' ħutna l-bnedmin. Amen.*

## XXVI. Kenn tal-Midinbin.

(1) Alla l-Imbierek jobgħod id-dnub, għaliex dan huwa oppost għal kollox għall-qdusija tiegħu, iżda huwa jħenn għall-midneb u jagħtih il-grazzji kollha meħtieġa biex jista' jindem. Il-bniedem huwa opra li ħarġet minn idejn Alla; anzi huwa l-kapovalur tal-ħolqien tiegħu. Alla nnifsu għalhekk jirrispetta d-dinjità tal-bniedem.

Barra minn hekk, kull bniedem għandu ruħ spiritwali maħluqa b'destin etern, ruħ li għaliha Kristu ħallas il-prezz tad-demm prezzjożissimu tiegħu. Fil-ħniena u fl-imħabba tiegħu ta' Missier, Alla ma jridx li midneb imut, iżda li jikkonverti u jindem. F'Alla hemm mhux biss ġustizzja infinita, iżda wkoll ħniena bla tarf. Dan huwa misteru kbir li hemm bżonn naħsbu fuqu ta' spiss.

(2) Alla ħallielna ħafna għeliem u sinjali tal-ħniena tiegħu. Il-Vanġelu jxandar il-ħniena bla tarf ta' Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Huwa jaħfer il-midinbin u jiddefendihom. Mis-sema fejn jinsab, Krist jkompli x-xogħol tiegħu ta' Avukat tal-Midinbin, billi joffri għalihom l-merti infiniti li Huwa akkwista bil-Passjoni u l-Mewt tiegħu. **"Jekk xi ħadd dineb, għandna bħala avukat quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust hu l-mezz tal-maħfra għal dnubietna"** (I Ġw 2.1).

Is-sagramenti, speċjalment il-Qrar, huma sinjali oħra tal-Ħniena t'Alla lejn dawk li huma mgħobbija bid-dnubiet. Fuq kollox, l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Ħniena u Kenn tal-Midinbin, tidher quddiemna, biex tfakkarna dejjem fil-ħniena ta' Kristu Binha. Hija tagħmlilna kuraġġ ħalli nersqu lejh b'indiema sinċiera.

(3) Min jaf kemm midinbin, li kienu sejrin jaqtgħu qalbhom mill-ħniena u mill-maħfra t'Alla għalihom, qawwew qalbhom għaliex emmnu u ttamaw fl-imħabba materna ta' Marija. Din l-imħabba ma hix ikbar u iktar qawwija mill-imħabba ta' Alla li hija infinita; iżda l-midneb isibha ħaġa iktar ħafifa jersaq lejn l-Omm tiegħu u jafda l-kawża tiegħu f'idejha.

Il-Madonna hija l-Kenn tal-Midinbin, għaliex titlob għalihom biex Alla jagħtihom il-konverżjoni sinċiera u l-maħfra ta' dnubiethom. Iżda b'daqshekk ħadd ma għandu jabbuża. Marija hija kenn tal-midinbin li jagħrfu l-istat ħażin tar-ruħ tagħhom u li sinċerament jixtiequ jbiddlu ħajjithom Ma għandhomx dritt li jserrħu rashom biha, dawk il-midinbin li b' ebda mod ma jridu jinħallu mid-dnub tagħhom.

**Talba ta' l-aħħar:** *Sidtna Marija, Kenn tal-Midinbin, lilna u lil dawk kollha li jħossuhom imtaqqlin bil-ħtija, aqlagħlna l-indiema u l-maħfra. Hekk Ikun.*

XXVII. **Ankra tas-Salvazzjoni.**

(1) **"Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija; biha aħna nidħlu 'l ġewwa mill-velu, fejn qabilna daħal Ġesù għalina, meta sar għal dejjem il-qassis il-kbir skond l-ordni ta' Melkisedek"** (Lhud 6, 18).



**Il-ħajja tal-bniedem f'din id-dinja hija taqbida bla ma taqta'. Jista' jkun hemm ħafna ħwejjeġ li jfixkluna u jaqtgħulna qalbna**



L-awtur ta' din l-ittra, wara li jsemmi lil Abraham li stenna bis-sabar u bit-tama, ra jitwettqu l-wegħdiet ta' Alla, jgħidilna li aħna wkoll għandu jkollha **"qalbna qawwija sewwa li niksbu t-tama li hemm lesta għalina"** (Lh 6, 18). In-nisrani ma jistax jgħix mingħajr tama f'Alla, li jagħtih l-ħajja ta' dejjem u l-għajnuniet kollha meħtieġa biex jikseb din is-salvazzjoni.

Fi kliem ieħor, in-nisrani mhux kuntent bil-preżent, iżda ħarstu hija dejjem mitfugħa lejn il-ġejjieni, u jistenna bis-sabar it-twettiq tal-wegħdiet ta' Kristu. Iżda xi drabi jħossu mħawwad u bħal jaħbat jaqta' qalbu; f'mumenti bħal dawn, iktar minn mumenti oħra, huwa jeħtieġ xi ħadd jew xi ħaġa, li bħal ankra, iżżommu sħiħ biex ma jiċċaqlaqx bħal dgħajsa mal-ħalel tal-baħar.

(2) Nistgħu ngħidu li, wara Kristu, il-Qassis il-Kbir u Feddej tagħna, l-Imqaddsa Verġni Marija hija għalina ankra tas-salvazzjoni, għaliex hija ġġedded u ssaħħaħ fina t-tama fil-mumenti tal-prova. Il-Madonna mhux biss tgħallimna t-tama, virtù nisranija, bl-imġieba ta' ħajjitha, iżda bl-interċessjoni tagħha hija takkwistalna wkoll din il-virtù teologali u tgħinna biex nikbru fiha.

Għalhekk fis-**Salve Regina** nsejħulha "Tama tagħna". Għalhekk ukoll il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li Marija hija **"Bħal sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ"** (Lumen Gentium, n. 68).

(3) Il-ħajja tal-bniedem f'din id-dinja hija taqbida bla ma taqta'. Jista' jkun hemm ħafna ħwejjeg li jfixkluna u jaqtgħulna qalbna. Il-waqgħat tagħna fid-dnub, it-tentazzjonijiet, il-ħajriet tad-dinja u tad-demonju u elf ħaġa oħra jistgħu jdgħajfu t-tama tagħna jew iġiegħluna niddubitaw kif għamel San Pietru, meta mexa fuq il-baħar.

Iżda għandna nagħmlu l-ħila u nżommu sod. Niftakru li l-wegħdiet ta' Kristu ma jistgħux jiġu nieqsa u li l-Omm tagħna, l-Imqaddsa Marija, hija dejjem lesta biex tieqaf magħna.

**Talba ta' l-aħħar:** *Fik nittamaw, o Marija, li toħroġna b'wiċċ il-ġid mit-tfixkil u mit-tempesti li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna. Amen.*

# IL-MISTERU TA' KANA (Ġw 2, 1-12)

Minn EDWARD XUEREB

## IT-TIENI PARTI

### A. Il-Misteru ta' Kana

L-anomaliji li fih ir-rakkont ta' Kana u t-termini teoloġiċi li fih iwassluna biex ma narawx fih sempliċi rakkont ta' miraklu iżda fuq kollox "misteru". Ġwanni stess jikkunsidra l-ġrajja bħala "l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu" (2, 11). Ir-raba' vanġelu jsemmi dan ir-rakkont proprju minħabba s-simboliżmu li fih dwar Ġesù.

Il-miraklu hu msemmi "en passant" waqt li l-evanġelista qed jirrakkonta u ma hux preżentat bħala turija pubblika tal-qawwa ta' Ġesù (18). Hu dan il-valur simboliku tar-rakkont li jġagħalna nikkunsidrawh bħala "il-Misteru ta' Kana".

Mela għandna bżonn l-ewwel nifhmu l-ġrajja rrakkuntata u mbagħad naraw x'irid jgħidilna l-evanġelista. Hekk insibu b'mod tekniku s-sens spiritwali ta' dan it-test, liema test il-Padri tal-Knisja skoprew b'mod spontanju. Gaudenzio da Brescia qal li hemm bżonn nispjegaw din il-paġna tal-vanġelu "primum iuxta historiam gesti..., deinde secundum spiritualem coelestis mysterii intellectum". (19)

Ġwanni jippreżenta t-Tieġ f'Kana bħala s-sinjal tal-Patt il-Ġdid, liema Patt Ġesù kien qed jinawgura fil-bidu tal-ministeru tiegħu. Fi Ġw 2, 1-12 dan il-Patt il-Ġdid hu mpoġġi quddiem il-qarrejja bħala tieġ messjaniku bejn Alla u l-poplu tiegħu.

F'dan "il-Misteru ta' Kana", Marija **tippersonifika lill-poplu antik ta' Iżrael** li wasal għall-milja taż-żminijiet għax ipoġġi fuq il-fomm ta' Marija, l-istqarrija ta' fidi tal-komunità kollha tal-poplu l-magħżul li saret qabel ma Alla ta l-Liġi fil-Patt tas-Sinaj: "U l-poplu kollu wieġeb b'leħen wieħed u qalu: 'Kull ma qal il-Mulej aħna nagħmluh'." (Eż 19, 8). (20) Ġesù anke jsejjaħ lil ommu "Mara", xbieha li għal-Lhud kienet tirrappreżenta lill-poplu ta' Iżrael.

Dak li ġara fit-"tielet jum" f'Kana (Ġw 2, 1, 11) hu xbieha li tħabbar dak li ġara fit-"tielet jum" meta Kristu qam mill-mewt u hekk seħħet il-profezija li qal: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu". (Ġw 2, 19b). L-għajnuna ta' Marija lill-għarajjes f'Kana hi xbieha li tħabbar li hi ser tkun fil-Knisja, l-għarusa ta' Kristu li titwieled mal-Patt il-Ġdid b'demmu, dak li hi kienet f'Kana, jiġifieri l-**Omm tal-Knisja**. (21).

### B. Il-Maternità ta' Marija

#### (1) L-Omm ta' Ġesù

Hawn għandna fi Ġwanni, l-ewwel użu ta' l-espressjoni "l-omm ta' Ġesù". Hi tirritorna erba' darbiet fi tnax-il vers. (22)

Dak li jingħad fil-bidu nsibuh fil-konklużjoni f'ordni invers. Fil-bidu Ġwanni jsemmi l-ewwel lil Marija u wara lil Ġesù: "...u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien

mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu". (Ġw 2, 1-2). Hawn għadna fil-livell ta' relazzjonijiet familjari ta' Ġesù ma' ommu.

Iżda wara din il-ġrajja, fejn jissemma li Ġesù "wera l-glorja tiegħu" (Ġw 2, 11), hu jissemma l-ewwel: "Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, qrabatu u d-dixxipli tiegħu..." (Ġw 2, 12). Din id-darba l-omm ta' Ġesù hi msemmija mal-grupp tad-dixxipli. Dan hu ħjiel dwar il-qagħda ta' Marija fil-komunità ta' dawk li jemmnu.

Meta jirrifletti dwar dak li ġara f'Kana, il-Papa Ġwanni Pawlu II jikteb: "Aħna nistgħu mela ngħidu li f'dan il-passaġġ tal-vanġelu ta' San Ġwann, insibu l-ewwel turija tal-verità dwar il-kura t'omm ta' Marija". (23)

(2) **Il-"Mara": Omm u Għarusa**

Ma kinitx xi ħaġa tas-soltu li iben idur lejn ommu u jsejħilha "Mara". Ġesù sejjaħ lil ommu b'dan it-titlu biex juri li minn issa 'l quddiem, ir-relazzjoni tiegħu ma' ommu mhix sempliċi waħda familjari. Marija issa hija l-"Mara" li ser tidħol fl-opra ta' binha.

L-aħjar tifsira tat-titlu "Mara" jidher li hi fis-simboliżmu marbut ma' Sijon il-ġdida, Ġerusalemm messjanika li bosta drabi tissemma fit-Testment il-qadim bħala mara. Madwar Sijon il-ġdida, li hi bħal omm, jinġabru l-ulied tagħha. Lejn Sijon jirritornaw wara li huma xerrdu, biex jiffurmaw il-poplu l-ġdid t'Alla. Din il-mara tissejjaħ l-"Omm Sijon". (24) L-istess idea tinsab f'kotba mhux bibbliċi. (25).

Jidher f'postu li napplikaw għat-test ta' Kana dan it-tagħrif. Ġesù allura jsejjaħ lil ommu "Mara" għax fiha jara rappreżentat lill-poplu kollu ta' Iżrael fil-milja tiegħu. Xi kummentaturi tal-Medju Evu fehmu dan li qed ngħid meta qalu li Marija tidher hawn bħala l-"figura tas-Sinagoga" jew il-"milja tas-Sinagoga". (26) Meta Marija titkellem



dwar l-inbid tat-tieġ, hi kienet il-portavuċi tal-poplu kollu ta' Iżrael, li daret lejn Ġesù fil-mument preċiż li fih kien qed jibda l-ministeru pubbliku tiegħu.

Minn dan kollu jidher kemm Marija bħala "Mara" hi Omm u Għarusa.

Hija **omm** bħal Mara-Sijon li kienet mifhuma bħala omm li madwarha Alla jiġbor l-ulied imxerrdin tagħha. Bi premura ta' omm, Marija qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5) u hekk uriet li quddiem ir-rieda ta' Alla għandu jkollna atteġġjament ta' fidi.

Hi u tistieden lill-oħrajn għall-ubbidjenza tal-fidi, Marija għaddiet mill-pożizzjoni tagħha ta' omm ta' Ġesù skond il-ġisem għall-funzjoni tagħha ta' omm tad-dixxipli ta' Ġesù.

Hija **għarusa** bħalma l-Mara-Sijon hi ppreżentata fit-Testment il-Qadim bħala l-għarusa ta' Alla. Ġwanni jirrakkonta l-ġrajja ta' Kana fl-isfond ta' Tieġ, liema sfond fih ċertu simboliżmu li ġej mit-Testment il-Qadim. Ġwanni jinsisti għal tliet darbiet fuq it tieġ, iżda ma jgħid xejn dwar il miżżewġin ġodda.

Fuq il-pjan strutturali u simboliku, fl-aħħar mill-aħħar, Marija u Ġesù huma l-veri personaġġi tar-rakkont. F'sens profond, l-"għarajjes" tal-ġrajja huma Ġesù u ommu. (27)

(C) **Mudell għall-Knisja**

Fid-dawl tal-vanġelu kollu skond San Ġwann, ninnutaw li meta dan jagħti t-titlu ta' "Mara" lil Marija, fiha jibda jseħħ dak li kien mistenni għas-Sijon messjanika: bl-atteġġjament tagħha ta' fidi Marija twassal għall-milja tiegħu l-poplu tar-Rabta l-Qadima.

Allura Marija ssir xbieha u prototip tal-poplu l-ġdid ta' Alla li hu l-Knisja. (28) L-imġiba ta' omm ta' Marija f'Kana kienet mudell tal-Knisja li bħal omm tiġbor madwarha 'l uliedha u twassalhom biex jilqgħu b'doċilità l-Kelma ta' Ġesù.

**Riferenzi:**


18. Cf. PHEME PERKINS, *The Gospel According to John,* in *The New Jerome Biblical Commentary,* ed. Raymond E. Brown – Joseph A. Fitzmyer – Roland E. Murphy, New Jersey 1990, 954.

19. GAUDENZIO DA BRESCIA, *Tractatus,* IX, 2 in CSEL 68, 75, 5-7.

20. Cf. Ġw 2, 5b; paralleliżmu bejn Eż. 19, 11.9 u Ġw 2, 1.11.

21. Cf. ARISTIDE M. SERRA, *Esegesi Biblica Odierna,* in *Maria e la Chiesa oggi,* Roma 1985, 273-274.

22. Ninnutaw li "omm" tinsab f'vers 1 u f'vers 12 u allura tifforma inklużjoni.

23. Ġwanni Pawlu II, Ittra Enċiklika *Redemptoris Mater,* 25 ta' Marzu, 1987, 22.

24. Salm 86 (87), 5 LXX; il-membri tal-poplu miġbur huma l-ulied tagħha. Cf. Is 51, 18.20; 66, 8.

25. Cf. IV Esdra, 10, 7 u t-"Targum tal-Kantiku".

26. Cf. "...gerens in hoc figurem synagogae, quae est mater Christi." SAN TUMAS, *Super evan. S. Ioan. lectura,* 346. Il-formola "consummatio Synagogae" hi ta' Gerhoh ta' Reichersberg.

27. Din it-tifsira ġejja minn tradizzjoni li għaliha Kristu hu l-Għarus u l-Knisja l-Għarusa. "Mystice autem per nuptias intelligitur coniunctio Christi et Ecclesiae." SAN TUMAS, *Super evan. S. Ioan. lectura,* n. 338. Insibuha wkoll f'antifona fil-Lawdi ta' l-Epifanija: "Hodie caelesti Sponso iuncta est Ecclesia, quoniam...ex aqua facto vino laetantur convivae, alleluia".

28. Cf. R. E. BROWN, John I, 109.


## INKUNU NAFU AĦJAR MIN HI MARIJA

Iktar ma nifhmu min hi Marija, iktar inħossuna qrib tagħha, iktar inħossu l-imħabba tagħha. Bħal kull omm, Marija tixtieq li tkun maħbuba u magħrufa minn uliedha, tixtieq tarahom imdawrin magħha.

Bħal kull omm, Marija tixtieq li wliedha jkunu jixbhuha, jonorawha, jittieħdu minnha, jintelqu b'fiduċja sħiħa fi ħdanha.

NAGĦRFU LI QED NIMITAW LIL MARIJA:

*Meta nsibu ħin biżżejjed biex niddjalogaw magħha.*

# "KELMTEJN MA' OHTNA ADDOLORATA"

***Talba ta' l-Arcisqof DOM HELDER CAMARA***



**Kien Arċisqof ta' Recife, Brażil. Hu poeta mistiku u ħabib intimu u "appassjonat" tal-Madonna**

*Mill-Ktieb tiegħu stess "Prieres e Marie" Ediz. Nouvelle Citè Paris, 1983.*

# TALBIET LILL-MADONNA MIN-NIES TA' LLUM (8)

***Miġbura minn A.C.M.***

Marija,
Ma rajthiex xi ftit stramba dik l-ordni li taħrab lejn l-Eġittu?

DAK ALLA
li bagħat l-Anġlu lil Ġużeppi,
ma setax jiddefendi lil Ġesù Tarbija hemmhekk stess
mingħajr ma joqgħod jagħtik dak ix-xokk li jkollok taħrab?

X'ALLA HU DAN
li jinħeba u jirtira? Int ħassejt dulur kbir.
Għaliex Ġesù Tarbija ma kellmekx?
Qagħad hemm mingħajr ma qallek kelma.
HU li hu l-VERB ETERN. HU li hu IBNEK U ALLA TIEGĦEK.

Omm tiegħi
GĦALLIMNI
– biex ma niddiskutix mal-KBIR ALLA
– biex nagħlaq għajnejja
u nemmen anke fi dlam ċappa quddiem il-misteru......

INTI kont, għadek u tibqa' għalina lkoll, uliedek imsejkna
FIDI, TAMA u MĦABBA.

1) FIDI
għaliex fik hemm il-ġabra
ta' kull misteru tar-Reliġjon tagħna
**– bint il-Missier Etern**
**– Omm Ġesù Kristu**
**– u Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu.**

2) **TAMA**
għaliex jien ma nafx x'kien jiġri minna
mingħajr l-AVUKATA li kapaċi
tiddefendina quddiem l-Imħallef.

3) **IMĦABBA**
għaliex int taf aħjar minna
li tkun **mimlija bil-grazzja**
jfisser tkun **mimlija bl-imħabba.**

# L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA

"Imbierka inti fost in-nisa". Hekk qalet Eliżabetta lil qaribitha Marija. Marija stess stqarret li "Il-ġnus kollha jsejħuli mbierka" (Lq 1, 42, 48). Huwa tassew xieraq li l-Insara jsejħu lil Marija, Omm Ġesù, bħala l-Verġni Mbierka. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-isem tal-"Verġni Mbierka" għandu jkun ippreferut mill-kelma "Madonna" kif drajna nsejħu lil Marija.

Il-Knisja fil-Liturġija tagħha dejjem issejjaħ lil Marija l-"Imqaddsa Verġni Marija". Ukoll fid-dokumenti tagħha dejjem issejjaħ lil Marija bħala l-Imqaddsa Verġni Marija jew l-Verġni Mbierka. Hekk jagħmel Dun Ġorġ Preca meta kiteb fuq Marija, Omm Ġesù. Hek xieraq li nagħmlu aħna wkoll.

## OMM IL-FEDDEJ

L-Evanġelisti ma jagħtuha ebda titlu ieħor ħlief: Marija Omm Ġesù (Mt 1, 18; 2, 11; Mk 3, 31, 32; Lq 1, 43; Ġw 2, 1; 2, 12; 19, 25). Il-bażi għaliex nonoraw lil Marija hi li Marija hija Omm il-Feddej. Kull bniedem irid li ommu tkun meqjuma mill-aqwa, u Ġesù ried li Ommu ma tkunx eċċezzjoni. Għal ħafna nsara, matul l-istorja, fil-qima tagħhom lill-Verġni Mbierka, din ir-raġuni kienet biżżejjed.

It-Testment il-Ġdid jgħallimna li aħna nqimu lil Marija għall-parti importanti li kellha bil-grazzja t'Alla fil-misteru tal-fidwa tagħna. Alla rrivelalha l-pjan tiegħu li hi kellha tkun omm il-Feddej. Hu stenna l-kunsens fl-ubbidjenza tagħha qabel ma jaffettwa dan il-pjan (Lq 1). Fl-Annunzjazzjoni, il-pjan t'Alla għall-univers kien jistenna l-"iva" ta' Marija "Ikun minni skond kelmtek" (Lq 1, 38).

Il-parti tagħha bħala Omm is-Salvatur ma waqfetx meta wilditu f'Betlem. Hi kellha tmantnih, tlibbsu, taħslu u tħarsu. Hi tagħti dik l-affezzjoni u sigurtà li kull tifel jeħtieġ għall-iżvilupp tal-karattru tiegħu. Hi għallmitu jitkellem u jitlob. Marija tat l-ewwel lezzjonijiet lill-akbar mgħallem li d-dinja qatt rat.

## MARIJA OMM ALLA

Ġesù kien Alla magħmul bniedem. Għalhekk Marija hija Omm Alla – mhux biss tan-natura umana li Alla l-Iben ħa, iżda tal-persuna li hi Alla li sar bniedem. L-Anġlu Gabriel sellmilha bi kliem li aħna l-Kattoliċi miegħu nsellmulha: "mimlija bil-grazzja".

L-ewwel wieħed li għamel użu mill-kelma "THEOTOKOS" (Omm Alla), fil-kitba tiegħu kien San Ippolitu ta' Ruma fil-bidu tat-tielet seklu. Qabel il-kontroversji Kristoloġiċi li tnisslu mill-ereżiji ta' l-Arjani u tan-Nestorjani fir-raba' u l-ħames seklu, l-espressjoni sempliċi ta' fidi ta' l-Insara rigward il-Verġni Marija kienet formola sempliċi tal-Kredu: "kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn MarijaVerġni".

Nestorju ried li Marija tissejjaħ biss "Omm Kristu" u mhux "Omm Alla". Il-Knisja kollha tal-Lvant qamet tipproklama l-fidi tagħha li Marija hi Omm Alla. Li tiċħad dan jidher li tkun qed tiċħad id-divinità ta' Kristu li sar bniedem.

Fl-431 il-Konċilju ta' Efesu, it-tielet Konċilju ekumeniku tal-Knisja, iddikjara l-verità li Marija hija "THEOTOKOS". Din id-duttrina ġiet aktar iċċarata fil-Konċilju ta' Kalċedonja fl-451 u fit-tieni Konċilju ta'

Kostantinopli fil-553. Minn dak inhar 'l hawn, id-devozzjoni lejn Marija xterdet aktar, speċjalment fil-Liturġija.

Marija kienet omm Ġesù, iżda hu ma kellu l-ebda missier uman. L-insara aċċettaw dan il-fatt fuq ix-xhieda tal-Vangelu (Mt 1:18-25; Lq 1: 34-38). Dak li kien jeħtieġ għat-twettiq tal-pjan t'Alla kien li Ibnu jkun wieħed bħalna, li jaqsam il-limitazzjonijiet tal-bniedem u l-esperjenza umana bl-eċċezzjoni biss tad-dnub (Lh 2;14-18). Iżda biex ikollu esperjenza tat-twelid, u wkoll li jikber f'ġuf, kellu bżonn ta' omm.

**MARIJA VERĠNI**

Kien xieraq li omm Alla tkun verġni: xieraq minħabba l-oriġni divin ta' Kristu li kien ħaġa waħda mal-Missier. Irridu nirriflettu l-misteru tal-verġinità ta' Marija fid-dawl Kristoloġiku, bħal kull domma Marjana oħra, li l-parti li għandha Marija bħala THEOTOKOS. Dak li l-fidi temmen f'Marija huwa bbażat fuq dak li temmen fi Kristu. It-tagħlim fuq Kristu huwa aktar ċentru tal-fidi minn dak fuq Marija; imma t-tagħlim fuqha huwa prezzjuż ħafna.

Skond il-Vanġelu, il-Verġinità ta' Marija fit-tnissil ta' Ġesù hi ċerta. L-Evanġelisti Mattew u Luqa jorbtu dan il-konċepiment mal-profezija ta' Iżaija lis-sultan Aħaż: "Ara, xebba tnissel fil-ġuf u tiled iben u ssemmih Ghimmanu-el, Alla magħna" (Is 7, 14). Il-Verġinità ta' Marija hi sinjal tal-preżenza ta' Alla magħna.

**MARIJA OMM IL-KNISJA**

Il-Knisja ġabret x'temmen dwar Marija f'erba' dommi kbar ewlenin:

(1) Hija Omm Alla. Konċilju ta' Efesu, 431.

(2) Binha Ġesù twieled mingħar missier uman (il-Verġinità ta' Marija). I Konċilju ta' Kostantinopli, 381).

(3) Hija l-Immakulata Kunċizzjoni. Papa Piju IX, 8 ta' Diċembru, 1854.



(4) Hija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Papa Piju XII, 1 ta' Novembru, 1950.

L-ewwel żewġ dommi jgħallmuna l-verità dwar il-Verġni Mbierka li ma japplikawx għal persuna oħra. Iżda hemm sens li l-verità ta' l-Immakulat Konċepiment u ta' l-Assunzjoni ta' Marija għandhom sehem il-fidili, għalkemm b'differenza vitali: dak li ġà sar f'Marija jkun id-destin tagħna.

Marija hi l-mudell tagħna fil-ħajja Nisranija kemm hawn fid-dinja u kemm fl-oħra. Hekk, il-fidi tagħha, li tant hi mfaħħra fil-Vanġeli, hi l-ideal għal kull nisrani: "Imberkin dawk li jisimgħu l-kelma t'Alla u jħarsuha" (Lq 11, 28). Marija hija l-Verġni dejjem imħejjija li tilqa' l-kelma t'Alla bil-fidi li kienet għaliha l-bidu u t-triq li twassalha biex issir Omm Alla. "Imbierka int li emmint għall-kelmiet tal-Mulej" (Lq 1:45).

Marija jixirqilha tassew li tissejjaħ Omm il-Knisja. Madankollu, hija nnifisha hija membru tal-Knisja. Hija kienet ma' l-appostli u oħrajn meta kienu miġbura flimkien wara l-Axxensjoni fis-sema ta' Ġesù, iħejju ruħhom għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. (Atti 1, 14).

Għalkemm il-parti tagħha kienet vitali fil-fidwa, hija, bħal kull wieħed minna, kienet waħda mill-mifdijin, u mhux il-Feddejja. Din hi r-raġuni għaliex hi tista' tkun simbolu tal-Knisja, għaliex fil-persuna tagħha turi l-qawwa tal-grazzja t'Alla, li taħdem fil-fidili kollha.

**MARIJA U L-EKUMENIŻMU**

Il-Kattoliċi mhumiex weħidhom fil-qima li jagħtu lill-Imqaddsa Verġni Marija. Il-knejjes Ortodossi tal-Lvant huma ħaġa waħda bħalna f'din id-devozzjoni. Ħafna nsara ħutna mifrudin qed isibu lil Marija li twassalhom għand Binha Ġesù. Qegħdin jiskopru li Marija Verġni għandha bħal qawwa ta' gravità li tiġbed flimkien lil min iqimha f'għaqda ma' Ġesù. Ħafna ħallew il-kawża ta' l-għaqda bejn l-Insara fi Kristu f'idejn Marija.

Huwa interessanti li wieħed jiftakar x'qalu xi fundaturi tar-Riforma Protestanta dwar Marija. L-istess Martinu Luteru, fiż-żmien li ġà kien definittivament inqata' mill-Knisja Kattolika, fl-1522, kiteb li "il-qima ta' Marija hija mnaqqxa fil-qiegħ nett ta' qalb il-bniedem". Fl-aħħar żmien ta' ħajtu, hu aktar minn darba afferma li dak kollu li jista' jingħad dwar Marija jinsab fil-kliem "Omm Alla", li l-Konċilju ta' Efesu tassew esprima t-tagħlim tal-Vanġeli.

Kalvinu wkoll hu tal-fehma soda li Marija dejjem baqgħet verġni, u jżomm lil Marija bħala l-aqwa eżemplari u mgħallma tal-fidi. Tkun l-interċessjoni ta' Marija ma' Binha Ġesù li tgħaqqel twassal il-jum meta Marija stess, bosta drabi kawża ta' nuqqas ta' ftehim u firda bejn l-insara, tkun minflok il-għajn ta' tama ġdida ekumenika.

**JOHN XERRI.**

---

**L-INKARNAZZJONI TA' ĠESÙ FIL-ĠUF SAFI TA' MARIJA**

Il-Madonna hi umli, hi Reġina tal-ħniena li tħobb tinżel fost il-fqar u ttqassam il-ġid; hu għalhekk li dan aħna nistgħu niksbuh.

(*Pawlu VI*).

Sejjaħ ta' sikwit l-isem ta' Marija, l-aktar fit-tiġrib. Dan hu isem glorjuż u li jagħti s-saħħa.

(*Saċ. G. Alberione*).

# The Rosary and the Way of the Cross

***The Rosary and the Way of the Cross have both been forms of prayer familiar to the people of God for many centuries. They are simple prayers, within the reach of every Chris-tian; but they are also very profound, and solidlv based on the contemplation of the life of Jesus.***




Both of them also answer a need in the heart of man: seeing how Jesus lived our life, we gain light and strength as we pray.

The Rosary reminds us that we are not making our life's journey alone. As we recall the Joyful, Sorrowful and Glorious mysteries in the life of Jesus and Mary we learn to relate them to our own joys and sorrow, and to the glory for which God created us.

In the Way of the Cross we travel along with Jesus as in suffering he accomplishes his saving mission. As through suffering and death he passed to the glory of his resurrection so also shall we share in his glorious life, if in our suffering we have remained with him.

*In the Rosary,* the Christian *prays to* Mary, chosen by God to be mother of his son and mother to all mankind. That is what we do as we recite the "Hail Mary" ten times during each decade. But we also *pray with* Mary.

This we do as we recite the "Our Father" and the "Glory be". But we especially pray with her when we do as she did, "keeping all these things in her heart" (Lk 2, 19, 33, 51); when with her we look at some moment in Jesus' life or in her own life, and we reflect on it, praying about it.

# EASTER MYSTERIES – *JESUS IS LORD*

***The Resurrection*** *(Mk 16.1-7).*

As he had foretold to his disciples, Jesus rose again. The tomb was found empty, and he showed himself alive to many of his disciples. These were reluctant to believe.

*– Lord Jesus, you were obedient to the Father unto death, and the Father rewarded you by raising you to new life and to glory. You are now Lord of all in heaven and on earth. Strengthen us that we may, with you, conquer sin and overcome our fear of death.*

***Jesus appears to the apostles together*** *(Jn 20. 24-29).*

It took time before the disciples accepted the fact that the Jesus they had known was fully alive again. But once they became convinced of it, they were changed men, courageously witnessing to Christ.

*– Lord Jesus, you told your apostle Thomas: "Happy are those who have not seen and yet believe". Strengthen our faith in you, and let it help us to live as true Christians in whatever circumstances.*

***Jesus gives his disciples a world mission*** *(Mt 28. 16-20).*

The disciples were now to witness to Jesus and to what God had done in him; they were to bring the Good News to the whole world. A wonderful task, but difficult. they would not, however, be alone; he would be with them as they fulfilled his mission.

*– Lord Jesus, we Christians are now your witnesses. Let us continue to witness to you courageously, since you are with us.*

***The Ascecsion*** *(Lk 24. 50-53; Acts 1, 6-11).*

Jesus was taken away from his disciples; they would no longer see him or hear him. But he was now in his place of glory; they needed to understand that he was now Lord and King of all mankind and of the whole universe. His kingdom will have noe end.

*– Lord Jesus, you are our King. Help us to spread your kingdom among our fellow human beings, by spreading truth and justice and love and peace.*

***Pentecost: The Lord Jesus pours out his Spirit on the disciples*** *(Acts 2. 1-11).*

A few days later, Jesus fulfilled his promise. While his disciples were together with Mary, the mother of Jesus, at prayer, the Holy Spirit came down upon them with power. And they were transformed; those who had been uneducated fishermen now spoke publicly about the wonders that God had done for mankind; those who had run away at Gethsemani were now ready to face rulers and kings, and to suffer gladly persecution, and even death, for Jesus.

*– Lord Jesus Christ, you gave us your Holy Spirit at Baptism and Confirmation, that he might help us to become truly your disciples. Make us open to his guidance that we may courageously witness to you by our words and by our whole life.*

# Il-Magnificat



Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nissel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu.
Bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

# L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA OMM ALLA FIL-MISTERU TA' KRISTU U TAL-KNISJA

**Il-Verġni Mqaddsa fil-misteru ta' Kristu**

*Alla, ta' l-akbar tjubija u ta' l-ogħla għerf, ried illi jtemm il-fidwa tad-dinja u għalhekk, "meta waslet il-milja taż-żminijiet, bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara...biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal 4, 4-5). "Għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna niżel mis-smewwiet u ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni". Dan il-misteru ta' salvazzjoni kien irrivelat lilna u jitkompla fil-Knisja li l-Mulej għamilha ġismu u li fiha l-fidili kollha, f'għaqda ma' Kristu, ir-ras tagħhom, u f'xirka mal-qaddisin kollha, għandhom iqimu qabel kollox il-glorjuża dejjem Verġni Marija, Omm Alla u Sidna Ġesù Kristu.*

**Marija u l-Knisja**

*Infatti, il-Verġni Marija, li mat-tħabbira ta' l-anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb ta' Alla u tat il-Ħajja lid-dinja, hija magħrufa u meqjuma bħala vera omm ta' Alla u tal-Feddej. Mifdija b'mod iżjed sublimi minħabba l-merti ta' Binha u magħquda miegħu b'rabta qawwija li ma tinħallx, il-Verġni Marija kienet mogħnija bir-responsabbiltà u bid-dinjità ta' Omm l-Iben ta' Alla. Għalhekk hija l-bint l-aktar maħbuba tal-Missier u s santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu. Bil-għoti ta' din il-grazzja hekk kbira, hija tisboq bil-ħafna lill-kreaturi l-oħra kollha, fis-sema u fl-art. Fl-istess ħin, hija tinsab magħquda, min-nisel ta' Adam, mal-bnedmin kollha; anzi "hija tassew l-Omm tal-membri kollha (ta' Kristu)... għaliex hija ikkoperat bl-imħabba tagħha għat-twelid fil-Knisja ta' l insara li huma l-membri ta' l-istess ras". Huwa għalhekk illi hi magħrufa bħala membru għoli u singulari tal-Knisja u bħala x-xbieha u l-mudell tagħha l-aktar perfett fil-fidi u fil-karità. Mgħallma mill-Ispirtu s-Santu, b'sentimenti ta' mħabba ta' bint, il-Knisja kattolika tqimha bħala omm l-aktar maħbuba.*

**L-intenzjoni tal-Konċilju**

*Għalhekk il-Konċilju Mqaddes, waqt li qiegħed jesponi t-tagħlim dwar il-Knisja li biha l-Feddej divin iħaddem is-salvazzjoni, irid b'mod xieraq ifisser x'kiken is-sehem tal-Verġni Mqaddsa fil-Misteru tal-Verb magħmul bniedem u tal-Ġisem Mistiku u x'inhuma d-dmirijiet tal-bnedmin mifdija lejn Omm Alla, Omm Kristu u omm il-bnedmin u, fuq kollox, omm il-fidili. Iżda l-Konċilju m'għandux ħsieb jagħti tagħlim sħiħ dwar Marija u anqas irid jaqta' l-kwistjonijiet lil-istudji teoloġiċi għad ma waslux biex jitfgħu dawl sħiħ fuqhom. Bid-dritt kollu għalhekk jistgħu jibqgħu jinżammu dawk l-opinjonijiet li huma mgħallma bil-libertà kollha fl-iskejjel kattoliċi dwar dik li fil-Knisja mqaddsa tokkupa, wara Kristu, il-post l-aktar għoli u fl-istess ħin l-aktar qrib lejna.*

# "INT AKTAR OMM MILLI REĠINA"

*Talba ta' PATRI JACQUES LOEW*



**Patri Jacques Loew hu Patri Dumnikan. Twieled fl-1908 fi Franza. Ħadem ħafna fost il-ħaddiema tad-Dock-yard ta' Marsilja. Mill-1982 'l hawn għażel ħajja ta' eremita: talb u skiet.**

*Mill-ktieb "Ecoute Seigneur ma Priere" ta' Jean Dubois u Pierre Dumee Ediz. Desclee de Brouwer 1988.*

# TALBIET LILL-MADONNA MIN-NIES TA' LLUM (9)

*Miġbura minn A.C.M.*

MARIJA
Jien inħobb inħares lejk
fil-ħajja umana tiegħek ta' kuljum
– **tfajla** żagħżugħa u **mara komuni** bħall-oħrajn
– **omm għaqlija** u **mara tad-dar** bieżla
– mara li tixbah f'kollox lin-nisa l-oħra
– pronta dejjem biex twieġeb u tgħid "IVA"
meta l-Mulej isejjaħlek "FEJN INT?"

Jien inħobb narak ukoll
fil-pitturi u fl-arzelel tal-Katidrali
– bħala l-MARA TAT-TNAX IL-KEWKBA.
– IR-REĠINA MLIBBSA BIL-MANT IRJALI.

Iżda ningħaqad ma' Santa Terezina
tal-Bambin Ġesù li
mingħajr ħafna kliem żejjed
marret kollha mistagħġba tgħid:
**"HI AKTAR OMM MILLI REĠINA".**

Iva dan hu l-essenzjal.
Li **"HI OMM TA' ALLA"**.
Il-kumplament huwa biss tiżjin.
**OMM TA' ALLA**
Dawn it-tliet kelmiet għalija
huma l-iktar importanti.

Dawk il-kelmiet li darba Ġesù qal fuq is-Salib
"MARA HEKKU IBNEK.
IBEN, HEKKU OMMOK".
...iva, dawn il-kelmiet
Ġesù qed jgħidhom lili **llum**.

Għalhekk jien irrid ningħaqad
ma' l-ilħna tal-ġenerazzjonijiet kollha
li jsejħulha "HIENJA".
Huwa għalhekk li jien nirrepeti bla ma ngħejja
t-talba tal-**midinbin** u tal-**qaddisin.**
QADDISA MARIJA OMM ALLA, itlob għalina midinbin,
issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna". Amen.

# IL-MARA TAT-TNAX IL-KEWKBA

**"Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha"** (Apok 12, 1). U min hi din il-Mara li ra Ġovanni f'Patmos? Ċertament hija din Mara misterjuża; hija **"sinjal kbir"**!

L-anġli tas-sema tliet darbiet staqsew min hi din il-Mara: **"Min hi din li riesqa bħalma jersaq iż-żerniq ta' filgħodu, sabiħa bħall-qamar, tiddi bħax-xemx, u tbażża' bħal eżerċtu mħejji għat-taqbida?"** (*Għanja ta' l-Għanjiet*, 6, 9; ara: 3, 6; 8, 5).

Ħafna ħasbu u jaħsbu li din il-Mara hija l-Knisja. Ma naħsibx li żbaljaw; għax, mhux lill-Knisja Ġovanni ra f'dehra oħra: **"U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema minn għand Alla, imħejjija bħal għarusa, imżejna għall-għarus tagħha"** (Apok 21, 2)?

Però nagħmlu ħażin jekk nifirdu l-Knisja minn Marija Verġni; qatt m'għandna nagħmluh dan, u lanqas nistgħu nagħm-luh. Għax x'inhi l-Knisja mingħajr il-Madonna? Kif lanqas għandna nifirdu, u lanqas nistgħu nifirdu, lil Ġesù Kristu minn Marija Verġni; minħabba fiHa Ġesù huwa veru bniedem.

Tat-tnejn Marija hija l-Omm; ta' Ġesù Kristu hija l-Omm naturali; Hi li nisslitu f'Nazaret u wilditu f'Betlem; u tal-Knisja Marija hija l-Omm Spiritwali; Hi li nisslet lill-Knisja f'Nazaret flimkien ma' Ġesù Kristu; u Hi li wilditha hemm fuq il-Kalvarju; kif Ġesù stess ried ifisser b'dawk il-kelmiet li Huwa qal lil Ommu, preżenti ħdejn it-Salib kbir Tiegħu, **"Mara, ara ibnek"** (Ġov 19, 26).

U forsi Marija mhix il-mudell tal-knisja? U l-Knisja mhux f'Marija tara l-kampjun tagħha, u fil la ssib il-milja tagħha?

Għalhekk l-Knisja stess fil-Liturġija tagħha tapplika lill-Madonna dawk il-ħafna testi bibbliċi li għandhom x'jaqsmu mal-Knisja, bħalma hu, preċiżament, it-test tagħna ta' l-Apokalissi: 12. 1.

Difatti, b'dan it-test tibda l-Ewwel Lezzjoni tal-Quddiesa ta' Jum l-Assunta: "...U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax il-kewkba fuq rasha..." Għalhekk ma niżbaljawx jekk fil-Mara misterjuża ta' l-Apokalissi naraw lil Marija Verġni. Le, ma niżbaljawx.

Forsi Marija mhix ukoll il-Mara tal-Ġenesi; dik il-Mara misterjuża li biha Alla hedded lid-demonju, meta qallu: **"Innissel mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha. Hi tisħaqlek rasek"** (*Ġen.* 3, 15).

Forsi Marija mhix ukoll dik ix-Xebba misterjuża, li jsemmi Iżaija: **"Arawha x-xebba ssir omm, u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-El** (għax Alla magħna)" (7, 14)? Forsi Marija mhix ukoll dik il-Mara singulari li jsemmi l-profeta Ġeremija meta jgħid: **"Alla ħoloq ħaġa ġdida fuq l-art; il-Mara tħaddan magħha lir-raġel"** (31, 22)?

**IX-XEBBA TA' NAZARET:**

Għaliex, nerġgħu nistaqsu, din il-Mara ta' l-Apokalissi mhix ix-Xebba ta' Nazaret? Forsi mhux għandHa bagħat Alla fil-milja taż-żmien l-anġlu Tiegħu, li sellmilHa u

qallHa: "**Is-sliem għalik, il-mimlija bil-grazzja? Il-Mulej miegħek! Imbierka inti fost in-nisa**" (*Luqa*, 1, 28 29)?

Forsi mhux fuq din ix-Xebba Alla sammar il-ħarsa Tiegħu, u Magħha għamel ħwejjeġ kbar, tant li permezz Tagħha huwa wera l-qawwa ta' Driegħu? (ara: Lq 1, 48. 49. 51).

Iva, hija Marija din il-Mara singulari, Marija, il-qaddejja ta' Alla; Marija li Eliżabetta, mimlija bl-Ispirtu s-Santu, sellmet u qalet: "**Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott ta' ġufek! U mnejn ġieni dan, li tiġi Omm il-Mulej għandi...**" (Lq 1, 42-43)?

Iva, hija Marija din "il-Mara bix-xemx imlibbsa", għax Marija għamlitu veru bniedem lill-Iben ta' Alla; hija Marija t-triq li minnha Alla ried jgħaddi biex seta' jersaq lejna u jgħammar fostna; hija Marija li lill-Iben ta' Alla rabbietu u kabbritu għall-Kalvarju bħala vittma paċifika għal dnubietna!

Iva, hija Marija "l-Mara bix-xemx imlibbsa", għax hija l-Mara magħżula mit-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa. LilHa għażel il-Missier bħala l-Bint Ewlenija Tiegħu; għażilHa u għamilHa bħala l-mudell u l-kampjun tal-ħlejjaq kollha, kif irid jgħidilna l-Kittieb tal-Proverbji: "**Il-Mulej ħalaqni fil-bidu ta' għemilu, sa minn qabel l-eqdem għemejjel tiegħu. Sa minn dejjem twaqqaft, mill-bidu, qabel ma nbdiet l-art**" (8, 22-23)!

U għalhekk fiHa Huwa jsib l-għaxqa ta' qalbu, kif irid jgħidilna l-Kittieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet: "**Waħda hija l-perfetta tiegħi...l-għażiża tiegħi**" (6, 8; 7, 6).

LilHa għażel l-Iben u lilHa għamilHa Ommu, u għamilHa "**Omm l-isbaħ Imħabba**" (*Ekkli.* 24, 24); tassew, f'din l-Omm sabu l-milja tagħhom dawk il-kelmiet li qal Alla meta lil Adam ħalaqlu lil Eva: "**Ħa nagħtih għajnuna tgħodd għalih**" (*Ġen.* 2, 18).

LilHa wkoll għażel l-Ispirtu s-Santu, għażilHa bħala l-Għarusa fidila Tiegħu, u waqqafHa bħala t-tron qaddis Tiegħu, bħalma jrid jgħarrafna s-Salmista: "**Fix-xemx waqqaf Alla l-għamara tiegħu...F'lemintek is-sultana mżejna b'deheb ta' Ofir...minsuġ bid-deheb ilbiesha**" (18, 6; 44, 10. 14).

Forsi, mhux lil din l-Għarusa kien sema' l-profeta Iżaija ferħana tkanta u tgħid: "**Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej, taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi, għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni, bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha**" (61, 10).

## IT-TNAX IL-KEWKBA:

Huma dawn it-tnax il-kewkba li għandHa Marija jiżfnu ferħana fuq rasHa: **l-Immakulata, Omm Alla, Ommna, Verġni u Omm, il-Medjatriċi, il-Korredentriċi, ir-Rebbieħa, l-Għarusa, il-Mara, Omm il-Knisja, l-Assunta, ir-Reġina.**

Nagħqlu din id-daħla dwar il-Mara tat-Tnax il-Kewkba b'riflessjoni sabiħa li jagħmel dwarHa wieħed għaref u ħabib kbir Tagħha, San Bernard: "**Min jista' jfisser ir-rabta li hemm bejnek u bejn Ibnek! Kemm int qrib Tiegħu u Hu kemm hu qribek! Huwa fik u inti fih; int tlibbsu u hu jlibbsek. Int tlibbsu bl-umanità tiegħek, u Hu jlibbsek bid-divinità Tiegħu; int tgħattih b'ġismek bħala fi sħaba, u Hu jgħattik b'sebħu bħala f'xemx!**" (*Sermo de 12 praerogativis B.V.M. ex verbis Apoc. XII, 1 sqq. PL* 183, 430).

*PATRI BONAVENTURA M. CAMILLERI O.F.M.*

# IL-MADONNA TA' PINU: STORJA U DEVOZZJONI

Minn ĠWANN AZZOPARDI S.J.

## IT-TIENI PARTI


KARMNI GRIMA

***Il-Madonna Ta' Pinu qanqlet ħafna erwieħ f'Għawdex dak iż-żmien. Dan kollu kkonvinċa lill-Isqof li d-dehriet kienu mis-sema.***

**Il-Knisja l-Ġdida**

F'dak iż-żmien (1883) ir-rettur tas-santwarju Ta' Pinu kien Mons. Alfonzo Maria Hili. Fit-tard ta' għodwa tas-sajf ta' dik is-sena ċerta mara raħlija mill-Għarb kienet għaddejja tgħaġġel mnejn il-kappella msemmija, meta semgħet leħen isejħilha biex tinviżta l-Verġni Mbierka. Il-mara, Carmela Grima (imwielda fit-2 ta' Frar, 1838), daret lura u ma rat lil ħadd, għalhekk baqgħet miexja.

Iżda l-leħen sejħilha mill-ġdid, jitlobha tinviżta l-kappella billi ma terġax tinviżta l-post qabel sena. Għalhekk daħlet fil-kappella, u kienet mitluba tgħid tliet Ave Marijiet għat-tlitt ijiem li l-ġisem tagħha għadda fil-qabar matul ir-raqda tagħha. Devozzjoni oħra mitluba iktar tard mill-Madonna Ta' Pinu hi tliet Pater, Ave u Glorja f'ġieħ il-pjaga moħbija magħmula bis-salib fuq l-ispalla li Ġesù Kristu sofra fit-triq lejn il-Kalvarju.

Filgħaxija dak in-nhar stess, Carmela mardet u ma reġgħetx marret fil-kappella qabel sena sħiħa. Mela d-dehra kienet ġenwina. Carmela Grima nsiet id-data eżatta tad-dehra; kienet taf biss li kien il-Ġimgħa, għal tmiem ix-xahar ta' Ġunju.

Mons. Hili ħa kalendarju ta' l-1883 u sab li Ġunju kien fih ħames Ġimgħat (1, 8, 15, 22 u 29). Għalhekk hu ħaseb u qatagħha li d-dehra kienet fit-22; ma setgħet kienet fid-29 għaliex dik kienet il-festa ta' San Pietru u San Pawl, l-Imnarja.

Carmela kellha l-ewwel dehra meta kellha 45 sena. Iktar tard kellha dehriet oħra, li fuqhom hi kellmet id-diretturi spiritwali tagħha. Il-ħaġa sema' biha wkoll l-Isqof, li maż-żmien approva u kkonferma d-dehriet tagħha.

Kien hemm raġel mill-Għarb, Franġisk Portelli, li hu wkoll kellu dehriet bħal dawn. It-tnejn kienu ta' ħajja retta. Carmela mietet fil-25 ta' Mejju 1922, nhar Lapsi.

Il-Madonna Ta' Pinu qanqlet ħafna erwieħ f'Għawdex dak iż-żmien. Dan kollu kkonvinċa lill-isqof li d-dehriet kienu missema. Il-Madonna talbet biex tinbnielha knisja hemm, u l-isqof għamel kollox biex tingħatalha din it-talba.

Fl-1889, Mons. G. M. Camilleri sar Isqof t'Għawdex, minflok Mons. P.P. Pace, li sar Isqof ta' Malta. L-Isqof t'Għawdex għamel kulma seta' biex tinbena knisja f'Ta' Pinu. Sa mill-bidunett ta' l-episkopat tiegħu, ried "jibnidin id-dar t'Alla għall-glorja tiegħu u ta' l-Imqaddsa Ommu Marija".

Kien hemm xi diffikultajiet bejn il-parroċċa ta' l-Għarb u l-proprjetarji ta' l-art madwar il-kappella Ta' Pinu.

Iżda fl-1916 il-proprjetarji wrew bona volontà. Il-Baruni Igino De Piro d'Amico, werriet tal-Markiż Francesco Saverio De Piro, kien dispost li jagħti l-art, kif tgħidilna l-irħama fil-kuritur għas-sagristija attwali.

Il-pjanta tal-knisja l-ġdida mill-perit Andrè Vassallo minn Malta kienet dik magħżula. Din kienet fuq stil lombardo-romanesque. Il-bennej kien Vitor Vella miż-Żebbuġ, Għawdex.

Meta beda x-xogħol kellu 41 sena u baqa' sejjer bix-xogħol sa kemm spiċċa l-edifiċċju kollu, inkluż il-kampnar, fl-1936. Miet għoxrin sena wara.

L-ewwel ġebla tqegħdet solennement



mill-Isqof Camilleri fit-30 ta' Mejju 1920. L-Għawdxin, dejjem ġenerużi għall bini tal-knejjes, taw għall-aħħar għal din il-knisja.

L-1931 kien il-XV-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu. L-Isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien, Mons. Mikiel Gonzi, ħaseb li l-aħjar mod kif ifakkar dak iċ-ċentinarju kien li jikkonsagra din il-knisja ġdida.

It-13 ta' Diċembru ta' dik is-sena (it-tielet Ħadd ta' l-Avvent) kien il-jum magħżul għall-konsagrazzjoni. Il-knejjes l-oħra t'Għawdex għamlu illuminazzjonijiet biex isebbħu l-festa. Il-qniepen tal-knejjes daqqew glorjożament biex jakkumpanjaw it-Te Deum li kien intonat fis-Santwarju l-ġdid fil-5.30 ta' filgħaxija.

Kien jum ta' ksieħ, xita, silġ u rjieħ qawwija, iżda minkejja t-temp qalil, terz mill-poplu t'Għawdex għaġġel lejn is-Santwarju f'jum il-konsagrazzjoni tiegħu.



Fil-31 t'Awissu 1932, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XI ta b'Ittra Apostolika t-talba li l-Knisja l-ġdida tiġi mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika.

Din inqrat fis-17 ta' Settembru tas-sena ta' wara, meta ntbagħat telegramm lill-Papa: fih l-Isqof, f'isem il-Kleru u l-Poplu t'Għawdex, talbu biex jiddikjara Domma tal-Fidi l-misteru li l-Verġni Marija kienet imtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Data oħra memorabbli fl-istorja tal-Madonna Ta' Pinu hi l-20 ta' Ġunju 1935, festa ta' Korpus. F'dak iż-żmien kien hemm il-Konċilju Reġjonali ta' Malta, u l-Papa bagħat il-Legat tiegħu, il-Kardinal Alessio Enrico Maria Lepicier. Wara tħejjijiet twal, il-Legat ġie Għawdex u f'dik id-data, inkuruna x-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu.

Folol kbar imlew il-pjazza quddiem is-Santwarju. Inqara d-dokument ta' l-inkurunazzjoni u Sir Arturo Mercieca, Prim Imħallef ta' Malta, għan-nom tal-poplu, ġarr il-kuruna tad-deheb u l-ġawhar fuq imħadda tal-bellus.

Ir-rettur, b'att notarili, intrabat li jżomm dejjem il-kuruna fuq ras il-Madonna. Il-Kardinal, mgħejjun minn żewġ Isqfijiet, bir-reverenza poġġa l-kuruna fuq ras il-Verġni Mbierka fost l-applaws tal-poplu u d-daqq tal-qniepen.

Fl-1945 Mons. Ġużeppi Pace, Isqof t'Għawdex, mexxa pellegrinaġġ nazzjonali ta' radd il ħajr għas santwarju fi tmiem il gwerra.

**Santwarju ta' Pellegrinaġġi**

Il-kappella l-qadima, il-predilezzjoni tal Verġni Mbierka, saret knisja, santwarju nazzjonali ta' pellegrinaġġi u devozzjoni. In-nies t'Għawdex ħaduha fuqhom infushom li jżuru 'l-Madonna f'kull pass ta' ħajjithom: twelid, l-ewwel tqarbina, griżma, żwieġ. Huma jżuruha u jitolbuha f'kull bżonn. Il-ħajja tal-poplu hekk hi mogħnija bi żjajjar għeżież lill-kappella fejn il-Madonna sejħet lil Karmela biex tinvistaha.

Is-Sultana tas-Sema jogħġbuha dawn iż-żjajjar minn Malta u barra u tinterċiedi għalihom quddiem il-qorti tas-sema. Hi tinterċedi għalihom u taqlagħlhom it-talb tagħhom. Meta din mhix il-volontà t'Alla, hi taqlaqgħlhom il-grazzja li jaċċettaw il-volontà t'Alla.

Hekk kulħadd iħalli l-kappella l-qadima, il-qalb interjuri tas-santwarju, b'ċerta paċi tal-qalb li huma invistaw lill-Omm tagħhom tas-sema, u li jilqgħu l-volontà t'Alla fuqhom.

Fil-kappella l qadima, il-Madonna tkellem lilna wkoll. Aħna nħallu s-Santwarju b'enerġija spiritwali u b'devozzjoni ġdida biex inħobbu 'l Alla u l-Omm Tiegħu Mbierka.

Fit-22 ta' Ġunju 1983, kien imfakkar l-ewwel ċentinarju tad-dehra. In-nies ġew minn Għawdex kollu, ħafna oħrajn ġew minn Malta filgħodu kmieni. Saret konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof t'Għawdex, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Kienet imxandra fuq il-media kollha. Ingħatat omelija qasira. Wara l-tqarbin, ġie ntonat il-"Magnificat". Meta spiċċat il-konċelebrazzjoni, ir-Rettur irreċita s-supplika. Wara kien hemm il-Barka bis-Sagrament u fl-aħħarnett ġie intonat it-Te Deum.

Hekk ta' kull sena tiġi mfakkra din id-dehra għażiża tal-Madonna Ta' Pinu, fit-22 ta' Ġunju. Is-sena taħbat il-111-il sena mid-dehra tagħha. Madonna Ta' Pinu, itlob għalina!

**Bibljografija Magħżula:**

Mons. Ġużeppi Farrugia, **La Beata Vergine Ta' Pinu** (l-iktar awtoritattiv);
**Il Santuario della Beata Vergine Ta' Pinu**, Gozo, 1891.
Comm. E.G. Montanaro, **The Blessed Virgin of Ta' Pinu.**
Dun Nikol Ġ. Cauchi, (issa Isqof t'Għawdex), **Karmni Grima**, Orphans' Press, Għajnsielem, Għawdex, 1964, pp. 42, b'ħafna illus.
Kan. Salv Borg, "Minn Kappella minsija sa ... Ċentru mill-aqwa ta' ħajja Marjana", f'**Il-Ħajja**, 18 ta' Lulju, 1983, p. 5;
25 ta' Lulju, p. 5.
Joseph Camilleri, "The Voice that Beconed Għarb Farm Woman" in **The Times**, 22nd July 1983, p. 4.

---

## IL-MADONNA KORREDENTRIĊI MA' KRISTU RXOXT

Marija li kienet dejjem ma' Kristu sa l-aħħar nifs ta' ħajjitha, ma setgħetx ma ratux jitbiddel bil-glorja wara li rxoxta: bilfors li rat id-dehriet ta' Binha rxoxt fiċ-Ċenaklu.

(*M. Merk*).

Marija mhux biss rat lil Binha Ġesù rxoxt, izda wara 40 jum mill-qawmien tiegħu mill-mewt, flimkien ma' l-Appostli, ratu tiela' s-sema.

(*M. Merk*).

# OMM L-IBEN TA' ALLA

Marija tissemma fl-evanġelji bħala "l-omm ta' Ġesù (Mk 6, 3; Mt 13, 55; Atti 1, 14). F'l-Ittra lill-Galatin (4, 4), l-appostlu Pawlu jtenni: "Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara". L-appostlu qed jurina l-Messija bħala l-imwieled "minn mara". Marija hi dik li permezz tagħna l-Iben ta' Alla daħal fl-istorja. Il-frażi "imwieled minn mara" tisħaq li l-Mulej Ġesù, l-Iben ta' Alla, huwa wkoll tabilħaqq bniedem, u deher fl-istorja.

Fil-Kredu, aħna nistqarru: "Jiena nemen...f'Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien...Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna. U ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, minn Marija Verġni, u sar bniedem". Hawn għandna l-qofol tat-twemmin tagħna bħala nsara. U meta nitqarru lil Marija bħala "Omm Alla", inkunu qegħdin nagħrfu lil Marija f'rabta intima ma' dan il-misteru ċentrali tal-fidi tagħna.

Il-misteru ta' Ġesù Kristu huwa sewwa sew dan: li hu "Alla minn Alla", imma fl-istess ħin, għall-fidwa tagħna huwa sar ukoll



**Marija hija bħal omm li tiġbor madwarha 'l uliedha u twassalhom biex jilqgħu b'doċilità l-kelma ta' Ġesù**

"bniedem minn Marija". L-evanġelji juruna lil Ġesù Kristu fil-fattizzi kollha tiegħu bħala bniedem: jitwieled, u jmut, jiekol u jixrob, jegħja u jorqod, jifraħ u jibki, ecc. Iżda fl-istess ħin juruna bic-car li dan Ġesù Kristu huwa Alla. Biżżejjed insemmu l-istqarrija ta' Tumas l-appostlu, li meta ltaqa' ma' Kristu rxuxtat, qallu: "Mulej tiegħi, u Alla tiegħi" (Ġw 20, 28). Hekk dak li sa minn dejjem kien Alla, iżda li, fil-milja taż-żminijiet, deher fostna bħala bniedem.

Fl-imgħoddi, kien hemm min irrifjuta li jsejjaħ lil Marija "Omm Alla". Hekk per eżempju, fil-bidu tas-seklu tlieta niltaqgħu ma' Nestorju, li lil Marija sejħilha "Omm Kristu", iżda ma aċċettax li jsejħilha "Omm Alla". Kien għalhekk li, fl-Konċilju ta' Efesu, fis-sena 431, Marija ġiet imxandra bħala "Omm Alla".

Iżda llum ukoll insibu min jaraha bi tqila biex isejjaħ lil Marija "Omm Alla". Xi jfisser danit-titlu? Ma jfissirx li Marija tat l-eżistenza lil Ġesù bħala Alla. Għax bħala Alla, Ġesù Kristu huwa 'imnissel mill-Missier qabel kull żmien". It-titlu "Omm Alla" hu marbut mal-misteru ta' Kristu, li hu Alla u bniedem. Iżda dan Ġesù Kristu, fl-istess ħin, hu wieħed, persuna waħda. Marija hi dik li tat l-eżistenza lil Ġesù fl-umanità tiegħu. Iżda din l-umanità hi magħquda mad-divinità ta' Ġesù, li hu persuna waħda. Hu għalhekk li lil Marija nistgħu, u għandna, insejħulha bit-titlu "Omm Alla".

### *Xi tfisser għalina?*

Kull grazzja speċjali li l-Mulej jagħti lil xi ħadd, għandha tifsira u valur mhux biss għal dak il bniedem li jirċeviha, iżda wkoll għall-komunità li temmen. U għalhekk, il-grazzja speċjali ta' Marija, maħtura biex tkun omm il-Feddej, għandha tifsira għalina lkoll. Din il-grazzja, infatti, turina lil Marija f'rabta speċjali ma' Alla Missier, Iben, u Spirtu Santu. U kull nisrani hu msejjaħ biex jidħol f'relazzjoni ma' Alla Missier, Iben u Spirtu Santu.

Fil-messaġġ ta' l-anġlu Gabrijel, dan qalilha: "Il-qawwa tal-għoli tixħet id-dell tagħha fuqek" (Lq 1, 35). Dawn il kelmiet juru l-preżenza speċjali ta' Alla f'Marija. Alla, li kien fawwarha bil-grazzja, issa sar preżenti magħha b'mod aktar intimu. U Marija tagħraf lilha nfisha bħala "il-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1, 38).

U b'hekk saret għalina mudell ta' servizz għall-Kelma ta' Alla. Hi aċċettat il-pjan ta' Alla l-Missier, li ħatarha biex tnissel lil Ibnu bħala bniedem. Fuq il-mudell tagħha, kull nisrani hu msejjaħ biex jilqa' l-pjan ta' Alla u jwettqu bil-qalb.

***Marija, omm Ġesù, hi l-mara li ddedikat ħajjitha għal binha. Hija mhux biss nisslitu, welldītu, ippreżentatu fit-tempju, u fittxitu meta intilef; imma ssieħbet miegħu fil-waqtiet ibsin meta kien qed imut fuq is-salib. B'hekk Marija saret mudell għalina bħala dixxiplu ta' Kristu, u tgħallimna xi jfisser tħobb lil Ġesù u timxi warajh.***

U t-tnissil ta' Ġesù fil-ġuf ta' Marija seħħ bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-litanija, Marija tissejjaħ "Għamara ta' l-Ispirtu s-Santu". Huwa l-Ispirtu s-Santu li ħadem fiha biex issir omm (waqt li baqgħet verġni) Iżda dan l-istess Spirtu Santu reġa' niżel fuqha, aktar tard, nhar Għid il-Ħamsin, meta niżel fuq l-ewwel insara, kif kien wiegħed Ġesù.

Dan hu l-Ispirtu s-Santu li rċevejna aħna wkoll, fil-magħmudija u fil-konfirmazzjoni, biex għamilna wlied Alla u xiehda ta' Kristu. Marija, mimlija b'dan l-Ispirtu, turina kif aħna wkoll għandna nagħtu xhieda għal Kristu: billi bħalha nilqgħu l-Kelma ta' Alla, u nkunu strumenti ta' l-imħabba, qaddejja tiegħu (kif għamlet Marija fid-dar ta' Eliżabetta u fit-tieġ ta' Kana).

# Mill-Ħajja tas-Santwarju

*Miġbura minn*
**Dun Ġużepp Camilleri**

**FRAR:**

**3.** Preżentazzjoni tat-trabi u tberik tat-tfal fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, organizzata mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex.

Preżenti kien hemm Dun Karm Hili u l-Kan. Joe Mejlaq, assistent Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika.

**6.** Irtir annwali għall-miżżewġin tal-komunità ta' St. Andrew, Malta, li sar fiċ-Ċentru PADOVA fl-Imġarr. Quddiesa ta' radd il-ħajr bit-tiġdid tal-wegħdiet.

J. Zammit O.F.M.

**6.** Pellegrinaġġ mill Knisja ta' Pompej, ir-Rabat, Għawdex, għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinubħala radd il-ħajr lil Frenċ ta' l-Għarb għall-grazzja li nqalgħet.

**MARZU:**

**13.** Pellegrinaġġ penitenzjali fi żmien ir-Randan organizzat mill-Parroċċa tax-Xewkija.



**Preżentazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu lill-President ta' Malta, impitter minn Godwin Cutajar**

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



## GĦAWDEX:

Grezzja Theuma; Joseph Bajada; John Mercieca; M'Anne Buttigieg; Carmel Spiteri; Carmelo Grima; Carmel Cutajar; Lora Skinder; Jane Farrugia; Francesca Sultana; Michael Portelli; Salvatore Sammut; Maraldine Buttigieg; Ġuża Zammit; Carmel Buttigieg; John Formosa; Carmen Buttigieg; Saver Galea; Thomas Mcneeney; Grace Saliba; Gerald Vella; Francis Camilleri; Rose Grima; Charlie Mercieca.

David Camilleri; Colombia Cefai; Marvic Cini; Frances Camenzuli; Anna Cini; Joseph Galea; Mary Formosa; Rosaria Spiteri; Rita Camilleri; Mary Farrugia; Rose Vella; Manuel Zahra; Joseph Bajada; Raymond Attard; Tony Curmi; Joseph Bajada; Mary Cini; Mary Xuereb; Marlene Tabone; L. Rapa; Giovanna Cini; Pawla Said; Victoria Mercieca; Carmena Agius; Maria Azzopardi; George Gauci; Mary Attard; Doreen Mercieca; George Attard; Doris Azzopardi; Caterina Dimech; Frans Bonello.

Michael Vella; Maria Portelli; Angela Mizzi; Gianna Cassar; Christene Said; Alda Mercieca; Rita Attard; Martin Xuereb; Maria Sultana; Coronato Camilleri; Joseph Buttigieg; Emma Sciberras; Connie Azzopardi; Rita Agius; George Bugeja; Salvu Azzopardi; Rita Portelli; Alice Cauchi; Vince Apap; Giovanna Spiteri; Pauline Hursey; Manwel Spiteri; Doris Agius; Ċensa Galea; Carmena Dingli; Mary Rose Buttigieg; Rita Parnis; Ġużepp Xuereb; Rita Camilleri; Rita Vella; Jane Borg; Coronata Gauci; Josephine Gauci; Francesca Debattista; Maria Xuereb; Betty Cassar; John Mercieca; Maria Bajada; Maria Portelli; Carmen Gauci; Carol Borg; Antonia Caruana; Grace Theuma; Alfred Mizzi.

Joanne Cassar; George Formosa; Mary Borg; Mark Borg; George Camilleri; Silvana Said; Maria Portelli; Ġużepp Vella; Lucy Saliba; Pawlu Grech; Marita Zerafa; Ġużepp Buttigieg; Laura Azzopardi; Michael Attard; Maria Buttigieg; Dun Salv Camilleri; Carmel Camilleri; Pawla Muscat; Anthony Mintoff; Ġuża Grima; Maria Sammut; Rose Sultana; Rita Xerri; Paola Theuma; Philip Muscat; Carmelo Theuma; Twanny Curmi; Salvu Buttigieg; Mario Said; Mary Axiaq; Vicky Grech; Mario Buttigieg; Mario Buhagiar.

Rita Xerri; Pietra Muscat; John Muscat; Katy Cefai; Jane Attard; Pawlu Spiteri; John Bugeja; Marthese Grech; Peter Paul Farrugia; Doreen Gauci; John Xerri; Michael Buttigieg; Maria Attard; Carmena Buttigieg; George Zammit; Karmnu Muscat; Josette Mercieca; Maria Attard; Rita Sammut; Maria Sammut; Juliana Grima; Clementa Grech; Manwel Grech; Carmen Xerri; Doris Attard; Joe Sultana; Maria Bajada; Antonio Rotin; Michael Grima; Angela Cutajar; Madalena Refalo; Wenzu Falzon

Josephine Vella; Carmen Farrugia; Philip Muscat; Pawla Spiteri; Benjamin Spiteri; Margaret Borg; Anthony Cordina; Lucy Cini; Mario Xuereb; Charlie Camilleri; John Attard; Sherry Xuereb; Rita Tabone; Jane Mercieca; Antonia Buttigieg; Mary Portelli; Ġinisja Galea; Maria Portelli; Derek Attard; Johnny Grech; Pawla Gauci; Rosina Xerri; Karista Debrincat; Mary

Camilleri; Rita Parnis; Victoria Dimech; Mary Enriquez; Maria Mizzi; Antonia Mercieca; Frances Saliba; Manuel Grima; Salvu Buttigieg; Ġanni Vella; Charlie Ballucci; Angela Sultana.

Agatha Formosa; Louis Bigeni; Fortunato Buhagiar; Maria Sultana; Dorothy Borg; Mariano Xuereb; Rose Hili; Rita Xerri; Maria Buttigieg; Martin Camilleri; Frances Spiteri; Maria Pace. Michael Axiaq; Joseph Aquilina; Maria Attard; Charles Mifsud; Sylvana Hili; Antonia Azzopardi; Philip Mizzi; Family Buttigieg; Salvina Zammit; George Mercieca.

Martin Camilleri; Angela Portelli; Rita Portelli; Michael Refalo; Victor Galea; Doris Spiteri; Salvina Camilleri; Carmen Xuereb; Rita Muscat; Nancy Vella; Antonia Formosa; Mary Parnis; Ester Cassar; A. Agius; Maria Vella; Margaret Vella; Mana Portelli; Pauline Costa; Maria Gauci; Frank Grima; Ġemma Muscat; Lina Cini; Joe Fiteni.

Joe Spiteri; Frances Cassar; Antonio Xerri; Ġużepp Apap; Diana Cardona; Michael Grech; Antonia Said; Michael Portelli; Lucy Attard; Lorenzo Farrugia; Jane Grima; Rose Grima; Biċe Gatt; Rita Camilleri; David Muscat; Charlie Camilleri; Rose Said; Anġlu Micallef; Maria Calleja; Salvina Muscat; Sunta Muscat.

Christine Said; Maria Buttigieg; Delina Falzon; Theresa Camilla; Ġuża Zammit; Marie Georgette Spiteri; Jane Mercieca; Frans Bonello; Anġlu Meilaq; Marlene Attard; Godwin Attard; Anna Sultana; Joe Gatt; Joe Mifsud; Frank Formosa.

## MALTA:

Andrew Falzon; Catherine Galea; Patricia Falzon; Nathalie Pace; John Grech; Grezzju Bonnici; Madre Generale Orsoline; Antoinette Aquilina; A. Baldacchino; Carmelo Darmanin; Emanuel Schembri; Christian Anthony Agius; Margaret Mallia; Victor Magro; Doris Agius; Jessie Attard; V. Micallef; Father Vincent Demicoli; Maria De Giorgio; Anna Maria De Giorgio; Charmaine Muscat; Ruth Muscat; Victoria Sultana; Josanne Camilleri; Oliver Nani; Pauline Abela.

Jacqueline Muscat; John Mifsud; Savio Mallia; Carmen Chircop; Mario Zahra; Emma Frendo; C. Grech; Maria Galea; Josephine Magri; John Bugeja, John Mifsud, Connie Grima; Rev. Joseph Vella; Frans Bonanno; Rose Formosa; Crucifissa Tedesco; Angela Mifsud; Mons. Adolfo Agius; Manwel Chetcuti; Peter Borg; Saverina Cachia; John Mifsud; Grace Turbiano; Roderick Rausi; Lina Chircop; Carmelo Formosa; Carmelo Darmanin; Christine Camilleri, Mario Spiteri; Mr. & Mrs. Beach.

Agatha Formosa; Joe Tedesco; C. Cassar; Austina Bonello; S. Grima; Spiru Zammit; Tessie Sammut; Nina Dalli; Doris Grech; Rita Fenech; Carmen Mizzi; Anġlu Xerri; Maria Grima; John Saliba; Antoinette Aquilina; Gerald Sultana.

## AWSTRALJA:

Josephine Apap; Ġuża Micallef; Mr. & Mrs. Mario Muscat; Doris Debono; Josephine Gauci; Carrie Saliba; Sunta Apap; Anne Xuereb; Ena Borg; Carmen Camenzuli; Mary Agius; Caty Vassallo; John Attard; Pinu Grima; Maria Camilleri; Francesca Saliba; Vivienne Said; Roseanne Buttigieg; Vincenza Buttigieg.

Tony Xuereb; Carmen Portelli; Peter Curmi; Maria Muscat; Josephine Muscat; Vicky Vella; Chris Sultana; Joe Gatt; Grace Sultana; Manwel Grima; Lorry Theuma; J. Theuma; Rose Hili; Joe Sultana; Lilly Parnis; Mary Attard; V. Xuereb; Joe Gatt; C. Deguara; Rose Marie Grech; Twanny Cini.

## U.S.A.:

Carmela Vella; Mary Spiteri; Jane Sammut; Fr. Anthony Mercieca; Salvina Borg; Theresa Buttigieg; Carmena Buttigieg; S. Camilleri; Pauline Pace; S. Camilleri; Rita Camilleri; Peter Aquilina; Sylvia Debrincat.

## KANADA:

F. Galea; Maria Farrugia; Ġużeppi Attard.

## INGILTERRA:

L. Rutter; Sandro Warren; Christine Zahra; Joseph Fenech; Angela Rothwell; Mary Bardzinski; Brigitte Regan.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Fr. Joseph Mintoff; Dun Ġwann Cini; Fr. Joseph Xerri; Rev. L. Bonavia; Dun George Grima; Dun Joseph Grech; Dun Leonard J. C. Mosie; Dun Francis Azzopardi; Dun Ġużepp Piscopo; Fr. Anthony Duton; Dun Ġwann Mizzi; Dun Mikiel Galea; Dun Anton Saliba; Fr. Joseph Bezzina; Dun Bert Curmi; Fr. Anil Chatteryu SDB.; Dun Anton Bonello OFM Conv..

Dun Salv Micallef; Fr. Mario Grech; Dun Ġużepp Mercieca; Fr. Louis Bezzina; Fr. George Borg; Patri Thomas Calleja OFM.; Saċ. Gregory Grech; Fr. Joseph Mercieca; Fr. Michael Clifton; Fr. Coronato Grima; Can. J.A. Borg; Fr. Joe Meilaq; Dun Karm Hili; Fr. Joe Camilleri; Fr. Manwel Curmi, Patri Ugolin Maria Xerri; Mons. Laurence Xerri; Dun Sav Debrincat; Dun Mikiel Xuereb; Dun Ġużepp Piscopo; Mons. Nikola Vella; Dun Franġisk Saliba; Mons. George Tabone; Dun Anton Schembri; Fr. Paul Fenech; Dun Ġwann Dimech; Saċ. Mikiel De Giovanni; Fr. Joseph Tabone; Fr. Hilary Tagliaferro; Dun Salv Pace; Kan. Nikola Vella Apap; Dun Anton Dimech.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA:

Martina Bonello; Matthew Bonello; Rachel Nichole Darmanin; Sarah Azzopardi; Charlon Vella; Christian Cremona; Martina Fino; Raphel Sciberras; Doreen Agius; Ismael Pintley; Alendro Attard; Phylisianne Tabone; Mark Borg; Gilbert Vella; Christopher Vella; Charlene Mintoff; Nicohia Tanti.

## TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Biblijoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, lilna jistgħu jiswewlna ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

*Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Biblijoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".*

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.

A.M.D.G.

# Servizz Socjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

***Ċempel fuq dawn in-numri***

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas*-'SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU???**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu???**

*X'tista' tagħmel!!!*

* ***"Servizz Soċjali bit-Telefon".***
* ***"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".***
* ***"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".***
* ***"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ tal-Għarb".***

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju,***
  ***Mons. Dun Beneditt Camilleri.***
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu",***
  ***c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU LI MIEGĦU HIJA ANNESSA L-KAPPELLA L-QADIMA

*F'dan is-Santwarju venerabbli tal-Madonna Ta' Pinu nroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu għall-preżenza u protezzjoni mimlija mħabba ta' l-Omm Verġni tiegħu li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul l-istorja kollha tagħha. Għal sekli sħaħ, il-fidili ta' dawn il-gżejjer qorbu lejn Marija fit-talb u talbu għall-interċessjoni mimlija mħabba tagħha biex tgħinhom fi ħtiġijiethom u ssabbarhom fin-niket tagħhom......*

*B'mod speċjali ħafna, Marija minn dejjem kienet il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex waqt li huma fittxew li jwettqu r-rwol uniku tagħhom fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tar-razza umana......*

*J'Alla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija......*

*Kemm-il darba, fil-familji tagħkom, ħassejtu li intom bla saħħa quddiem sitwazzjonijiet li jweġġgħukom u li jidhru li ma tistgħux issolvuhom? Kemm nies isibu li hi ġlieda kontinwa biex jaħfru piki li ilhom is-snin, jew biex jirbħu emozzjonijiet li jkunu daħlu 'l ġewwa ħafna ta' rabja, ostilità, għira jew riżentiment? Kemm hawn nies li għandhom xewqa ddisprata biex xi ħadd maħbub jitlaq mod ta' ħajja jew kors ta' azzjoni li huma jafu li jista' jwassal biss għall-frustrazzjoni u nuqqas ta' kuntentizza? U kemm drabi nħossu għal xi ħadd li jkun maqbud fit-taqbid ta' wġigħ mentali jew dwejjaq qares li ma jkun jagħraf ebda konsolazzjoni? F'waqtiet bħal dawn, m'għandniex nafdaw fl-interċessjoni mimlija mħabba ta' Marija, fiduċjużi li l-aktar bla tama mis-sitwazzjonijiet umani tista' tinbidel mill-qawwa ta' salvazzjoni ta' Ġesù, li bi tweġiba għat-talba tagħha bidel l-ilma f'inbid, li miet fuq is-salib biex aħna nkunu nistgħu ngħixu għal dejjem?......*

*Għal din ir-raġuni ninkoraġġikom kollha kemm intom biex titolbu bla heda (ara 1 Tess 5:17), l-aktar fil-familji tagħkom, f'radd ta' ħajr umli għal dak kollu li Alla takom fit-tjubija tiegħu. Itolbuh kuljum biex igħinkom biex tibqgħu fidili lejn il-vokazzjoni li takom fi Kristu!......*

*(Mid-diskors tal-Papa f'Ta' Pinu, 26-5-90).*

**NEWSPAPER POST**